**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Jessie Fleri Soler et.

*versus*

Jessie Philips

**Fedekommess — Diviżjoni — Dritt ta' Rappreżentazzjoni — Sostituzzjoni Volgari.**

*Meta l-fondatur ta' fedekommess ikun uża espressjoni ġenerika li biha huwa jkun irrimetta ruħu għar-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", allura l-liġi applikabbli hi dik li tkun viġenti fiż-żmien tas-sostituzzjoni, u mhux dik viġenti fiż-żmien tal-fondazzjoni.*

*F'materja fedekommissarja, is-sostituzzjoni volgari anomala taċita tissubentra u hemm lok għaliha biss meta ma jkunx hemm lok għad-dritt ta' rappreżentazzjoni.*

*Jekk tintalab id-diviżjoni ta' xi fondi fedekommissarji, u fosthom ikun hemm xi fondi li dwarhom ma jkunx hemm prova li huma fedekommissarji, dawn ma għandhomx jitqiesu li huma fedekommissarji; u l-partijiet ma humiex preklużi milli*

*jissollevaw din il-kwistjoni bil-fatt li huma jkunu ġa ddikjaraw jew ammettew li dawn il-fondi huma fedekommissarji. Il-konsegwenza, però, ta' dan in-nuqqas ta' prova tan-natura fedekommissarja ta' dawk il-beni mhijiex dik illi l-beni jibqgħu komuni, imma li tiġi miċħuda t-talba għad-diviżjoni in kwantu tirrigwarda dawk il-fondi; u fl-istess ħin issir riżerva għad-drittijiet tal-interessati għall-eventwalità li in segwitu jirriżulta li dawk il-fondi huma fedekommissarji.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġna, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-kontendenti proprio et nomine huma jirrappreżentaw l-immedjati vokati għall-beni fedekommissarji li kienu posseduti minn Henry Rutter, in parti disponibbli u in parti le, indikati fl-annessa nota dok. "A", u li dan ma ddisponiex minnhom, u għalhekk il-kontendenti għandhom jipparteċipaw fihom skond ir-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", u ċjoè terza parti favur tal-konvenuta oħt l-imsemmi Henry Rutter, terza parti a favur tal-attriċi Jessie u Rosy aħwa Rutter, ulied il-mejjet William Rutter, ħu l-istess Henry Rutter, u terza parti oħra a favur tal-atturi l-oħra in rappreżentanza tal-imsemmija ġenituri tagħhom Victor u Thomas aħwa Rutter, ulied il-mejjet Dr. John Rutter, ħu l-imsemmi Henry Rutter, u in rappreżentanza tal-istess Dr. John Rutter; u li huma u l-konvenuta jippossjedu wkoll, fl-istess proporzjon porzjon miċ-ċedola tal-Massa Frumentaria No. 64 tal-valur ta' £21.9.7; jitolbu illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, dawn il-beni u l-porzjoni taċ-ċedola fuq imsemmija jiġu maqsuma bejn il-kontendenti fil-proporzjonijiet fuq imsemmijin, skond l-art. 515 u artikoli oħra tal-Ordinanza VII tas-sena 1867, skond il-pjan tad-diviżjoni hawn anness jew pjan ieħor, prevja l-adozzjoni tal-istima ta' dawn il-beni li saret fl-okkażjoni tad-diviżjonijiet li saru in atti Giovanni Carmelo Chapelle tat-23 ta' Marzu 1935 u 29 ta' April 1937, jew fuq stima ġdida skond l-każ; u jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att tal-qasma u kuratur biex jirrappreżenta fuq il-kuntratt il-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha

tesponi illi l-atturi ma speċifikawx il-fedekommess li minnu ġejjin il-beni in diviżjoni, b'mod li hija ma tistgħax tirregola ruħha sewwa, u għalhekk hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, kemm il-darba l-beni ġejjin mill-Barunissa Cafici Casolani, dawn imissu kollha lilha bħala kuġina tagħha fil-ħames grad, mentri l-atturi jinsabu fis-sitt grad. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Jannar 1960, li biha ddeċidiet il-kawża billi ordnat id-diviżjoni bejn il-kontendenti tal-beni, u tal-porzjoni taċ-ċedola ndikati fid-dokument "A" unit maċ-ċitazzjoni, fit-tliet porzjonijiet imsemmijin aktar il-fuq, biex jittieħdu, bix-xorti, porzjoni miż-żewġ attriċi Jessie Fleri Soler u Rosy Storace, aħwa Rutter uled il-mejjet William; porzjoni mill-atturi l-oħra in rappreżentanza tal-ġenituri tagħhom Victor u Tommaso, aħwa Rutter, ulied il-mejjet John; u porzjoni mill-konvenuta; innominat għall-finijiet tal-publikazzjoni tal-att tad-diviżjoni, li kellu jsir f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati fis-26 ta' Jannar 1960, lin-Nutar Giovanni Carmelo Chappelle, u bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi lill-Avukat Dr. Frank Chetcuti u Dr. Edmond Fenech Adami; ordnat li l-ispejjeż jiġu sopportati fil-proporzjon ta' terz miż-żewġ attriċi Fleri Soler u Storace, terz mill-atturi l-oħra, u terz mill-konvenuta, barra l-ispejjeż tal-perizja legali, li jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi mill-atturi kollha flimkien, u kwantu għal terz mill-konvenuta. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-atturi jippretendu li huma u l-konvenuta jirrappreżentaw l-immedjati vokati għall-beni fedekommissarji, in parti disponibbli u in parti mhux disponibbli, indikati fid-dokument "A" fil-fol. 4 tal-proċess, li kienu posseduti minn Henry Rutter, u illi billi dan ma ddisponiex minnhom, huma għandhom jipparteċipaw fihom skond ir-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", u għandhom jiġu maqsuma bejniethom fil-proporzjonijiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni. L-atturi jippretendu wkoll li huma, flimkien mal-konvenuti, jippossjedu wkoll fl-istess proporzjonijiet porzjoni miċ-ċedola tal-Massa Frumentaria No. 64 tal-valur ta' £21.9.7. Kif esponiet fin-nota tal-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni an-

nessa magħha, u fissret aħjar fin-nota tagħha tad-29 ta' Novembru 1943, l-konvenuta tissottometti illi, ladarba l-beni huma fedekommissarji, għandhom jiġu osservati r-regoli mposti mill-fundatur, anki għal dawk disponibbli, fejn l-aħħar possessur ma jkunx iddispona minnhom; illi l-konsangwinità għandha tkun miżurata mill-gravat u mhux mill-fundatur; illi hija tinsab viċina lejn il-Barunissa Cafici u lejn ħuha Henry Rutter, li minnhom, skond kif jiddikjaraw l-atturi fit-trattazzjoni orali, ġejjin l-imsemmijin beni, aktar mill-atturi; u li xejn ma jiswa li l-atturi jippretendu li jidħlu fil-grad ta' missierhom "jure representationis" għaliex f'materja fedekommissarja hu prinċipju li wieħed jissuċċedi "jure proprio et ex propria persona"; u skond il-fondatriċi Eleonora Barbara, din riedet tippreferixxi dejjem l-eqreb demm, u l-eqreb dejjem hi hija, u għalhekk il-fondatriċi wriet li riedet teskludi d-dritt tar-rappreżentazzjoni. Del resto, tkompli tosserva l-konventa, billi din hi suċċessjoni kollaterali, u għandha tkun regolata mill-liġi attwali, l-atturi ma jistgħux jinvokaw ir-rappreżentazzjoni;

Illi l-perit legali ssottometta d-diversi prinċipji ġuridiċi in materja fedekommissarja, u li fuqhom ibbaża ruħu għall-finijiet ta' interpretazzjoni tal-fedekommessi fil-kwistjoni, ċjoè is-suċċessjoni tal-vokat mill-gravant u mill-gravat, is-suċċessjoni "ab intestato", id-dritt ta' rappreżentazzjoni, u s-sostituzzjoni volgari anomala. Il-perit legali mbgad eżamina wkoll it-testment ta' Eleonora Barbara;

Rigward l-ewwel prinċipju, il-perit legali ssottometta li hu ritenut li f'materja fedekommissarja wieħed jissuċċiedi lill-gravant, u mhux lill-gravat; b'mod li hemm il-massima li l-vokati fis-suċċessjoni tal-gravat ma jissuċċedux bis-saħħa tal-liberalità tal-gravat imma bis-saħħa tad-dritt tagħhom stess li ġej mill-gravant — "veniunt ex jux proprio et ex propria persona". Imma dan il-prinċipju ma għandux jiġi nterpretat fis-sens li l-konsangwineità għandha tiġi regolata mill-gravant, imma mill-gravat. Is-suċċessjoni hi diretta għall-gravat, u ndiretta għall-gravant. Dan il-prinċipju ġie aċċettat mill-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħha (App. 22 ta' Frar 1858 in re "Bonnici vs. Mamo Mompalao", Vol. I, 1840). Għalhekk, is-suċċessjoni għandha tiġi rego-

lata in kwantu għall-prossimità mill-aħħar gravat Henry Rutter, u kwindi f'din il-kawża jittratta minn suċċessjoni ta' kollaterli, ta' oħt id-decujus in konkorrenza man-neputijiet "ex fratre" (ulied William Rutter) u proneputijiet "ex fratre" (ulied Thomas Rutter u Victor Rutter, ulied John Rutter);

Rigward it-tieni prinċipju, il-perit legali ssottometta illi, meta l-fondatur jirregola huwa s-suċċessjoni, allura ma hemmx kwistjonijiet; imma meta l-fondatur jirrimetti ruħu għar-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", bħal ma hu l-każ f'diversi testmenti f'din il-kawża, tqum il-kwistjoni jekk għandhomx jiġu applikati r-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato" ta' żmien il-fondatur jew inkella dawk attwali ta' żmien is-sostituzzjoni — kwistjoni li ġiet ferm dibattuta. Il-perit però, osserva li huwa jidhirlu li għandu jgħid, fuq l-iskorta tal-prinċipju konsakrat mill-Qorti tal-Appell (Vol. XVI, 53; XX-I-150), li meta t-testatur irrimetta ruħu għall-liġi li tirregola s-suċċessjonijiet "ab intestato", irrimetta ruħu b'mod ġenerali, u ma llimitax ruħu għall-liġi li kienet in vigore fi żmienu;

Rigward it-tielet prinċipju, l-istess perit issottometta li l-liġi attwali, meta jkun jittratta minn suċċessjoni ta' neputijiet "ex fratribus" in konkorrenza ma' oħt id-decujus, hi dik kontenuta fl-art. 842 u 843 tal-Kodiċi Ċivili; għalhekk f'din il-kawża, meta wieħed jinterpreta flimkien dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, isib illi, ladarba ma hemmx werrieta fi grad indaqs, ma hemmx lok għas-suċċessjoni "per capita". Għad hemm ħajja oħt id-decujus (il-konvenuta Phillips"), u allura hemm lok għar-rappreżentazzjoni biss. Ulied Tommaso u wlied Victor jirrappreżentaw lill-missierhom. Din ir-rappreżentazzjoni ssir jekk jirriżulta li għandha ssir in forza tal-fondazzjonijiet fedekommissarji;

Rigward ir-raba' prinċipju, il-perit legali issottometta illi in materja fedekommissarja jekk ma jkunx hemm lok għad-dritt ta' rappreżentazzjoni, tissubentra, skond it-tradizzjonijiet ġuridiċi tal-pajjiż u l-kostum viġenti, is-sostituzzjoni volgari anomala taċita; liema sostituzzjoni hi applikata fil-fedekommessi ta' natura kompendjuża, kif inhuma l-fedekommessi kollha f'din il-kawża; u hi applikata

meta mhix applikata r-rappreżentazzjoni. Din is-sostituzzjoni mhijiex id-dritt ta' rappreżentazzjoni, li l-lum fil-linja retta kollaterali ma jeżistix ħlief għal ċerti gradi ferm prossimi, imma anzi tissupplixxi għal meta ma hemmx id-dritt ta' rappreżentazzjoni. Il-volgari anomala ddaħħal, ukoll fil-linji kollaterali, b'sostituzzjoni ta' gradi, il-linji remozjori. Wara li stabbilixxa dawn il-prinċipji ġuridiċi in materja fedekommissarja, il-perit legali għadda biex jinterpreta partitament, u b'mod l-aktar elaborat, id-diversi fondazzjonijiet fedekommissarji u l-ordni suċċessorju skond ir-regola tas-suċċessjoni ntestata, u ġie għall-konklużjoni li l-fedekommessi kollha ndikati f'din il-kawża, b'mod jew ieħor, jammettu, jew ma jeskludux, u kwindi tidħol weħedha, ir-rappreżentazzjoni fis-sens preċitat; b'mod li t-teżi tal-atturi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni għandha tiġi akkolta. In kwantu għas-sostituzzjoni volgari anomala, li kien ikun hemm lokha kieku kellu jiġi ritenut illi hi applikabbli l-liġi suċċessorja ta' żmien il-fondaturi, ma hemmx lokha; għaliex għandha tiġi applikata dejjem ir-rappreżentazzjoni; u s-sostituzzjoni volgari anomali hi ritrovat tal-ġurisprudenza għal meta ma jkunx hemm ir-rappreżentazzjoni;

Illi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali, u kwindi tadotta l-istess konklużjonijiet, għall-istess raġunijiet sottomessi mill-perit;

Illi l-perit legali għadda in segwitu biex jipproponi pjan ta' diviżjoni in bażi tal-konklużjonijiet imsemmijin li wasal għalihom, u kwindi huwa qasam l-assi immobiljari fedekommissarju ta' Henry Rutter fi tliet porzjonijiet. Qabel ma għamel hekk, l-istess perit irrileva li l-valur tal-fondi ndikati fil-fol. 4 fid-dokument "A" fil-fol. 4 tal-proċess, għal ħafna minnhom, hu ta' qabel il-gwerra; li għalkemm qabel l-abolizzjoni tal-fedekommessi ma kienx ikun f'waqtu li dawn il-beni kollha jitqegħdu f'lista waħda biex jinqasmu fi tliet porzjonijiet ugwali, billi jirriżulta mill-eżami tad-diversi fondazzjonijiet li x'uħud minnhom kienu disponibbli b'mod assolut waqt li x'uħud minnhom kienu indisponibbli, b'mod li l-estensjoni tal-fakoltà li biha l-gravat kien jista' jiddisponi tvarja minn fond għall-ieħor, ladarba l-fedekommessi huma ta' natura dividwa, huma disponibbli b'mod

assolut, u għalhekk il-valur tagħhom mhux influwenzat mid-disponibbilità o meno, huwa ssuġġerixxa li mill-qasma jiġu prelevati dawk il-fondi li mill-eżami li għamel ma jirriżultax taħt liema fedekommessi jaqgħu, għalkemm "in-famiglia" kienu dejjem ritenuti bħala fedekommissarji, u li dawn il-fondi, ċjoè l-għalqa "Ta' Holbiet" jew "Hbuliet Manu" u d-dirett dominju perpetwu "tal-Papa" jibqgħu in komun; kif ukoll il-fondi "Ta' Facciol" u "Ta' Ferla" jiġu kunsidrati bħala provenjenti mill-fedekommess Viani, salva oppożizzjoni tal-partijiet, li ma qalux liema hi l-provenjenza tagħhom; f'liema każ anki dawn il-fondi jibqgħu in komun. Fl-aħħarnett, il-perit irrileva li d-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" ma jistgħax jiġi kunsidrat bl-istess kriterju ta' stima tal-fondi l-oħra, għar-raġuni li dan id-dirett dominju perpetwu hu stmat £233.6.8 fuq bażi ta' kapitalizzazzjoni taċ-ċens perpetwu, li hu kostanti, waqt li l-valur tal-fondi l-oħra, stmat għall-ħabta tas-sena 1933, awmenta ruħu ferm wara l-gwerra. Għalhekk, biex jiġi furmat pjan ekwu ta' diviżjoni, il-perit issuġġerixxa li hu neċessarju illi dan in-nofs indiviż ta' dan id-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" jew jibqa' wkoll in komun, jew inkella jiġi suddiviż bejn it-tliet porzjonijiet indaqs;

Il-perit issottometta żewġ pjani ta' diviżjoni. Fl-ewwel wieħed huwa ommetta l-ewwel żewġ fondi msemmijin, ċjoè il-fond "Ta' Holbiet" jew "Hlubiet Manu" u d-dirett dominju "tal-Papa", biex l-istess jibqgħu in komuni; u fit-tieni wieħed ommetta biex jibqgħu in komun, oltre l-imsemmijin żewġ fondi, anki dawk "ta' Facciol" u ta' "Ferla". Fiż-żewġ pjani, in-nofs indiviż tad-dirett dominju perpetwu "tal-Papa" issuddividieh bejn it-tliet porzjonijiet;

Illi, rigward dan ir-riljev tal-perit legali, jiġi osservat li l-fondi fil-kwistjoni, bl-istima ta' kull wieħed minnhom kif magħmula mill-Perit Raul Cousin, Ugo Mallia u Albert Vassallo, b'relazzjonijiet annessi mal-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chappelle tat-23 ta' Marzu 1935 u 29 ta' April 1937 (dok. fol. 123. 129, 137), huma dawn:— 1. Għalqa "ta' Ciampra" £700: 2. Nofs indiviż tal-għalqa "ta' Ferla" jew "Peiken" £175; 3. Għalqa "ta' Holbiet" jew "Holbiet Manu" £300; 4. Dar bil-ġnien,

remissa u knisja żgħira, San Anard £420; 5. Għalqa magħha £80; 6. Biċċa għalqa warajha £10; 7. Dirett dominju perpetwu tal-għalqa "tal-Papa" £16; 8. Nofs ndiviż tal-għalqa "tal-Facciol" £40; 9. Għalqa "ta' Raimier" £54; 10. Għalqa "tal-Wilga" jew "Brigħen" £135; 11. Nofs id-dirett dominju perpetwu tal-għalqa (il-lum mibnija) "tar-Ramla" £233.6.8;

Illi minn dan jidher ċar illi l-istimi kif mogħtija mill-atturi fid-dokument "A" (fol. 4) ġa msemmi, li fuqhom mexa l-perit legali, mhumiex għal kollox eżatti; billi fl-imsemmija re'azzjonijiet il-fond ta' "San Anard" hu stmat £420, u mhux £410 kif indikat f'dak id-dokument, u l-fond jew dirett dominju "tal-Papa" hu stmat £16, u mhux £16 10.0 kif indikat fl-istess dokument;

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi talbu li tiġi adottata l-istima kif mogħtija fl-imsemmi dokument jew li ssir stima ġdida jekk il-konvenuta ma taderixxix għal dik hekk mogħtija. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1959, il-konvenuta ddikjarat li toqgħod għall-istima li hemm tal-beni, u kwindi ma hemmx lok li ssir oħra ġdida, u kwindi l-istima ndikata fl-imsemmi dokument, bil-modifiki ġa msemmijin, tiġi adottata. Kif ukoll ġie verbalizzat fis-seduta tal-lum, il-kontendenti jaqblu li l-fondi "ta' Holbiet" jew "Hbuliet Maxu" u "tal-Papa", għalkemm ma jirriżultax taħt liema fedekommess jaqgħu, għad li dejjem ġew ritenuti "in famiglia" bħala fedekommissarji, jiġu kunsidrati bħala fedekommessi komprendjużi, u kwindi, skond ma ntqal iżjed il-fuq, li jammetti d-dritt ta' rappreżentazzjoni; kif ukoll li l-fondi "ta' Facciol" u "ta' Ferla" jiġu kunsidrati bħala provenjenti mill-fedekommess Viani;

Minn dan isegwi li l-pjani ta' diviżjoni proposti mill-perit legali għandhom jiġu varjati, u l-pjan ta' diviżjoni għandu isir bil-mod kif sejjer jingħad. F'dan il-pjan qiegħed jiġi adottat is-suġġeriment tal-perit legali rigward id-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla", fis-sens li l-istess jiġi suddiviż bejn tliet porzjonijiet li ser jisemmew;

Il-valur tal-beni kollha, kompriż dak ta' £21.9.7 ndikat fid-dokument ġa msemmi, u riżultanti mill-istimi li ġew indikati, tal-porzjoni taċ-ċedola tal-Massa Frumentarja Numru 64 parti taċ-ċedola numru 558, hu ta' £2184.6.3, u għalhekk kull waħda mit-tliet porzjonijiet imsemmijin trid tkun tal-valur ta' £728.5.5., biex jittieħdu bix-xorti, waħda miż-żewġ attriċi Jessie Fleri Soler u Rosy Storace, aħwa Rutter ulied il-mejjet William, waħda mill-atturi l-oħra in rappreżentanza tal-ġenituri tagħhom Victor u Tommaso aħwa Rutter, ulied il-mejjet John, u waħda mill-konvenuta. It-tliet porzjonijiet huma dawn:—

*L-Ewwel Porzjoni* — *Dar bil-ġnien, remissa u knisja* żgħira, San Anard £420; għalqa magħha £80; biċċa għalqa warajha £10; għalqa "tal-Wilġa" jew "Brigħen" £135; terz tad-dirett dominju perpetwu tar-"Ramla" £77.15.6 u 2/3d.; ekwiparazzjoni mit-tielet porzjoni £5.9.10 u 1/3d. — £728.5.5;

It-Tieni Porzjoni — Nofs l-għalqa "ta' Ċampra" £350; nofs indiviż tal-għalqa "ta' Ferla" jew "Perken" £175; nofs indiviż tal-għalqa "tal-Facciol" £40; għalqa "ta' Raimier" £54; *terz tad-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" £77.15.6* u 2/3d; ċedola tal-Massa Frumentaria £21.9.7; ekwiparazzjoni mit-tielet porzjon £10.0.3 u 1/3d. — £728.5.5;

It-Tielet Porzjon — Nofs l-għalqa "ta' Ċampra" £350; għalqa "ta' Ħolbet" jew "Ħbuliet Manu" £300; dirett dominju perpetwu tal-għalqa "tal-Papa" £16; terz tad-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" £77.15.6 u 2/3d.; għanda tħallas ewkiparazzjonijiet lill-Ewwel Porzjon £5.9.3 u 1/3d, u lit-Tieni Porzjoni £10.0.3 u 1/3d. — £728.5.5;

Illi, kif ġie sottomess mill-perit legali, l-atturi naqsu jindikaw, kif kienu fid-dmir li jagħmlu, il-provenjenza fedekommissarja ta' diversi mill-beni fuq imsemmijin, u dan in-nuqqas ikkaġuna mhux biss dewmien, imma wkoll xogħol rilevanti lill-istess perit, u kwindi spejjeż żejda fir-relazzjoni. Konsegwentement ta' din iċ-ċirkustanza għandha tittieħed konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż;

Rat fol. 162 in-nota tal-appell tal-konvenuta, u fol. 165

il-petizzjoni tagħha, li biha talbet li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, billi jiġu miċħuda t-talbiet tal-atturi, u billi jiġi deċiż li l-ġid kollu fedekommissarju ġa possedut minn Henry Rutter jiġi assenjat kollu favur il-konvenuta appellanti bħala l-unika vokata warajh; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi; b'riżerva tad-drittijiet favur terzi persuni mill-liġi attwali;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Fil-petizzjoni tal-appell l-aggravju hu dedott b'mod ġeneriku. Il-motivi ta' doljanza huma aħjar indikati fin-nota fol. 200, u huma dawn: —

1. L-appellanti ssostni li f'dawk il-każijiet fejn għandhom jiġu applikati r-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato" għandha titqies mhux il-liġi viġenti fiż-żmien tas-sostituzzjoni, iżda dik viċenti fiż-żmien tal-fondazzjoni, li kienet in-Novella 118 tad-Dritt Ruman;
2. Is-sostituzzjoni volgari anomala ma hix dejjem applikabbli, imma biss meta fil-fondazzjoni jkun hemm xi ħaġa li tirrendi probabbli l-intenzjoni tal-fondatur li tiġi applikata din is-sostituzzjoni;

3. L-appellanti ma taqbelx mal-interpretazzjoni tal-fedekommess (rilevanti għal din il-kawża) mogħtija mill-perit legali u adottata mill-Ewwel Qorti; u dan fis-sens spjegat għal kull fedekommess fin-nota fuq imsemmija;

4. Għar-rigward ta' ċerti fondi ma ġietx pruvata l-oriġini fedekommissarja u t-talba tal-atturi għandha tiġi ċertament miċħuda dwarhom;

Ikkunsidrat, dwar dawn il-kapi ta' aggravju;

Dwar l-ewwel aggravju;

F'din is-sede, fin-nota tagħha fol. 200, l-appellanti ċċitat, biex tappoġġja l-assunt tagħha, is-sentenza "Agius vs. Agius et.", mogħtija mill-Prim'Awla fl-ewwel ta' Ottu-

bru 1924, sedenti l-Illmu. Imħallef Dr. Giuseppe Cremona, riportata fil-Vol. XXV-II-583 tal-Kollezzjoni. F'din is-sentenza ġie ritenut illi l-liġi applikabbli, f'każ ta' vokazzjoni skond ir-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", ma hix dik viġenti fiż-żmien tal-mewt tal-aħħar gravat (ossija tas-sostituzzjoni), iżda dik viġenti fiż-żmien tal-fondazzjoni (p. 585). Il-ġudikant fil-kawża ċitata qagħad fuq żewġ argumenti; wieħed, dak bażat fuq l-art. 1925 tal-Ordinanza VII tal-1868 (il-lum 794(1) Kap. 23 Ediz. Riv.), rikavat minn sentenza ta' din il-Qorti kollez. IX, 431, col. 2; u l-ieħor, rikavat mis sentenza Vol. XII, 77 (tal-Prim'Awla), li kkunsidrat ġust li jiġi preżunt li t-testatur kellu fi ħsiebu l-liġi ta' żmienu, u mhux dik ta' aktar minn sekolu wara;

Issa, l-art. 794(1) Kap. 23 (qabel art. 1925 Ord. VII tal-1868) jgħid hekk:— "Il-fedekommessi huma projbiti. Iżda l-fedekommessi magħmula qabel il-jum li fih bdiet isseħħ l-Ord. IV tal-1864, imħassra b'dan il-Kodiċi, jibqgħu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġi li kienet isseħħ qabel daq il-jum, kompriżi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitlu II, Ktieb IV, tal-Kodiċi Muniċipali ta' Malta, magħruf bħala Kodiċi De Rohan......";

L-argument bażat fuq dan l-artikolu ġie però ġustament kunsidrat bħala mhux aċċettabbli fis-sentenza ta' din il-Qorti (Pres. Sir Giuseppe Carbone, Imħ. Bne. Chapelle u Dr. Gni. Pullicino) in "Mattei et. vs. Pellegrini Petit et.", tal-21 ta' Ġunju 1907 (Val. XX-I-150); għaliex l-art. 1925 (il-lum 794) ikkonserva l-liġijiet "speċjali" għall-fedekommessi, u mhux il-liġijiet ta' applikazzjoni ġenerali għal kull xorta ta' suċċessjoni. Il-kwistjoni dwar liema liġi hi applikabbli fl-ipotesi taħt eżami hi kwistjoni li ma hix partikulari għall-fedekommessi imma waħda li tista' tinqala' f'kull xorta ta' suċċessjoni, u li hi komuni għal kull xorta ta' pusses. U dan hu dak li qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-Volum IX, li għalhekk, bir-rispett kollu, ma tidherx li ġiet ċitata a propożitu fis-sentenza tal-Vol. XXV, ċitata mill-appellanti; tant li dik l-istess sentenza tal-Volum IX hi ċitata fis-sentenza fil-Volum XX, Parte Prima, paġ. 56, bħala konfermanti l-konklużjoni li għandha tapplika l-liġi taż-żmien tas-sostituzzjoni;

Kien ikun divers il-każ kieku fil-Kodiċi De Rohan (Dei Maggioraschi, Primogeniture e Fedecommessi) kien hemm xi dispożizzjoni li taqta' din il-kwistjoni fis-sens ta' applikabbilità tal-liġi viġenti fiż-żmien tal-fondazzjoni; għaliex allura dik id-dispożizzjoni, bħala liġi "speċjali", kienet tkun konservata bl-artikolu fuq ċitat; iżda ma hemm ebda dispożizzjoni simili. Mhux biss; imma fis-sentenza fil-Vol. IX fuq ċitata, din il-Qorti (Pres. Sir Adriano Dingli, Imħ. Dr. Lorenzo Xuereb u Dr. Gpe. Gasan) mhux talli rriteniet illi r-riżerva tal-art. 1925 kienet tirrigwarda, p. 432 "quelle particolari al fedecommesso, e non leggi comuni", imma spjegat li s-sentenza tagħha in re "Gravagna vs. Torreggiani", tas-26 ta' Novembru 1875 (Vol. VII, p. 435) — li fuqha kienet qagħdet il-Qorti tal-Ewwel Istanza (p. 64, Vol. IX) — ma kienetx "in pari materia":

Kif jingħad, il-ġudikant fis-sentenza tal-Vol. XXV iċċita wkoll is sentenza riportata fil-Vol. XII "Sciberras vs. Trigona", Prim'Awla 22 ta' Novembru 1888, sedenti l-Imħallef Dr. Gasan, fejn jingħad — p. 77:— "Atteso che non fu certo la disposizione del moderno diritto che regolò la disposizione testamentaria dei coniugi Sceberras, e pare giusto ritenere che la volontà dei testatori nell'attenersi all'ordine successorio ed alla successione in istirpi, non abbia potuto essere diretta da legge che sarebbe stata promulgata dopo oltre un secolo......" Dan l-argument, però, ma ġiex aċċettat minn din il-Qorti la fis-sentenza fuq ċitata Vol. XX, Parte I, p. 50, u lanqas fl-oħra, ukoll tagħha, "De Domenico vs. Borg Depares", Vol. XVI-I-53, Pres. Sir Giuseppe Carbone, Imħ. Dr. Luigi Ganado u Bne. Chapelle), li kkonfermat l-interpretazzjoni mogħtija in prima istanza sedenti l-imħallef Dr. Paolo Debono, Vol. XV, p. 312;

Din il-Qorti kif preżentement kostitwita taqbel illi, meta l-fondatur ikun uża espressjoni ġenerika, li biha rrimetta ruħu għar-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato", allura l-liġi applikabbli hi dik fiż-żmien tas-sostituzzjoni, u mhux dik fiż-żmien tal-fondazzjoni. Kieku l-fondatur kien qiegħed jiddisponi għal xi ħaġa li kellha tissortixxi l-effett tagħha fi żmienu jew fi żmien raġjonevolment viċin, allura wieħed kien ikun jista' jgħid li hu kellu fi ħsiebu l-liġi taż-

żmien tiegħu; imma meta hu jkun qiegħed jiddisponi "in *infinitum*", *mhux loġiku li wieħed jirritjeni* li hu kien qiegħed jikkontempla l-applikabbilità "in infinitum" tal-liġi ta' żmienu, imma jidher aktar konvinċenti li jiġi ritenut li hu ried li s-suċċessibbli jkunu dawk skond il-liġijiet viġenti fiż-żmien tas-sostituzzjoni, u li hu rrimetta ruħu, ġa ladarba għoġbu juża lokuzzjoni ġenerika, għal dawk il-liġijiet. Diversament, xejn ma kien jimpedieħ li jistabbilixxi bħala liġi tal-fondazzjoni, bi kliem "ad hoc", is-suċċessjoni "in infinitum" skond il-liġi mperanti fiż-żmien tal-fondazzjoni, per eżempju, skond in-Novella 118. U għalhekk, l-Imħallef Dr. *Paolo Debono, fis-sentenza ċitata, josserva perspikaċement* li, pjuttost minn kwistjoni ta' dritt transitorju, si tratta ta' kwistjoni ta' nterpretazzjoni tal-volontà tal-fondatur; għax, kieku ried, seta' uża termini restrinġenti, u mhux kliem ġeneriċi. Din il-Qorti, kif kostitwita, għalhekk, tadotta l-konklużjoni minnha raġġunta fiż-żewġ sentenzi fuq ċitati, riportati fil-Vol. XVI u Vol. XX, fis-sens li, meta l-espressjoni li biha t-testatur jew fondatur ikun irrimetta ruħu għas-suċċessjoni "ab intestato" tkun ġenerika, allura l-liġi applikabbli hi dik "tal-waqt tas-sostituzzjoni";

Dwar it-tieni aggravju;

Hi ġurisprudenza f'materja fedekommissarja li proprjament il-benefizzju tal-"volgare anomala" hemm loku "meta ma hemmx lok għad-dritt tar-rappreżentazzjoni" (P.A. "Sant vs. Sceberras Trigona", sedenti Sir Antonio Micallef, 30 ta' April 1863, Vol. II, Kollez. p. 457, para. 149). F'dan is-sens ingħad fis-sentenza tar-Rota Romana 24 ta' Marzu 1749. Vol. I, paġ. 215, b'ċitazzjoni tal-Bonfinio:— "Rapreaesentatio nihil comune habet cum volgari anomala";

Minn dan jiġi illi, jekk din il-Qorti, fl-eżami tad-diversi fedekommessi rilevanti għal din il-kawża, issib li hemm lok għad-dritt tar-rappreżentazzjoni, allura il-kwistjoni sollevata fit-tieni aggravju għar-rigward tas-sostituzzjoni "volgare anomala" ssir akkademika; għaliex allura l-grad kalkulat ikun, minflok riempit b'dik is-sostituzzjoni, rappreżentat "*come non fosse perento*";

Konsegwentement, il-konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju hi spedjenti li tiġi posposta għal parti aktar il-quddiem ta' din is-sentenza;

Kwantu għat-tielet aggravju;

Dan jirrigwarda l-eżami tal-fedekommessi rilevanti għal din il-kawża. Liema huma dawn il-fedekommessi jiddependi mis-soluzzjoni tar-raba' aggravju, li għalhekk jixraq li jiġi eżaminat qabel; salv li l-Qorti tirritorna fuq dan l-aggravju, skond kif jiġi riżolt ir-raba' wieħed;

Dwar ir-raba' aggravju;

Fil-para. 12 tan-nota tagħha fol. 200 et seq., l-appellanti ssostni li, peress li ma ġietx pruvata soddisfaċentement l-oriġini fedekommissarja tat-tliet fondi "Wilġa tal-Brigħen", "Ħolbiet Manu", u dirett dominju tal-għalqa "tal-Papa", għalhekk dawn ma għandhomx jibqgħu komuni kif issuġġerixxa l-perit legali imma għandha tiġi eskluża dwarhom id-domanda tal-atturi, bl-ispejjeż;

L-Ewwel Qorti kkomprendiet dawn il-fondi fid-diviżjoni minnha ordnata għaliex, wara r-relazzjoni peritali, id-difensur tal-konvenuta kien iddikjara, fol. 150, li jaqbel li l-fondi "ta' Ħolbiet Manu" u "tal-Papa" jitqiesu bħala fedekommissarji "kompendjużi", u għax ma deherx li kien kontestat dak li kien ikkonkluda l-perit għar-rigward tal-fond "Wilġa tal-Brigħen", li ċjoè dan kellu, "għall-finijiet prattiċi jiġi kunsidrat li kien suġġett għall-fedekommess Viani" (p. 56). Għalhekk din il-Qorti għandha teżamina żewġ kwistjonijiet:— (1) Jekk l-appellanti tistgħax, wara dik id-dikjarazzjoni u ammissjoni, issa f'din is-sedi tissolleva l-punt jekk il-fondi "de quibus" humiex jew le suġġetti għall-fedekommessi eżaminati mill-perit; (2) u jekk hux biżżejjed li, bla ma jiġi pruvat għal liema fedekommess hu suġġett fond, jingħad vagament li hu fedekommissarju;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel kwistjoni;

Għalkemm l-appellanti ddikjarat, kif fuq ingħad permezz tad-difensur tagħha, li ż-żewġ fondi "Ħolbiet Manu"

u "tal-Papa" kellhom jitqiesu fedekommissarji ta' natura kompendjuża, però ma ġiex speċifikat, la allura u lanqas in segwitu, *ebda fedekommess jew fedekommessi, li għalieh* jew għalihom setgħu kienu suġġetti dawk il-fondi; u l-istess perit ma kienx irnexxielu jsib, non ostanti r-riċerki diliġenti li għamel, jekk u għal liema fedekommess kienu suġġetti (paġ. 56-57). Lanqas ma ġie ċitat ebda att publiku li fih ġew dikjarati fedekommissarji. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, dik id-dikjarazzjoni mhijiex ta' preġudizzju għall-kontestazzjoni elevata f'din is-sedi; u dan anki għar-raġuni li l-Qorti stess ma tistgħax tikkunsidra fond bħala fedekommissarju sempliċement għax il-partijiet jgħidu li hu tali, *bla però ma jindikaw xejn biex juru li hu fedekommissarju* jew jgħidu liema hu l-fedekommess. F'każ simili, l-Qorti ma tistgħax taqta' l-kwistjoni tal-mod tal-vokazzjoni u suċċessjoni, li tiddependi primjerament mill-liġi tal-fondazzjoni. F'dan is-sens ukoll dik id-dikjarazzjoni tista' tkun erronea, u tista' tipproduċi sentenza żbaljata. Infatti, din l-ewwel kwistjoni tallaċċja ruħha mat-tieni waħda. Ma hux il-lum fl-istat tad-dritt viġenti, biżżejjed li fond jitqies fedekommissarju "in famiglia"; u għalhekk mhux biżżejjed li jiġu eżaminati l-fedekommessi tal-familja biex tiġi deter*minata s-suċċessjoni rigward dak il-fond. Kif ingħad, il-*Kodiċi Ċivili attwali (Kap. 23) irriżerva fl-art. 794 (qabel art. 1925) il-liġijiet speċjali tal-fedekommessi, u partikolarment il-liġijiet tal-Kodiċi De Rohan; u appuntu f'dan il-Kodiċi (para. XIX. Lib. IV, Kap. 11) jingħad:— Nascendo dubbio se sia fondato maggiorasco, primogenitura o fedecommesso, ovvero se duri tutta vita, non si avra in avvenire riguardo alle sole congetture, sulle quali vorrebbe fondarsi l'erezione della primogenitura o la sua durazione, ma si dovrà far conto di esse soltanto quante volte, essendo espresse *le istituzioni o la continuazione della primogenitura* o del fedecommesso, si tratterà di spiegare la volontà del testatore . . . . ";

Infatti, fis-sentenza Prim'Awla Ċivili tal-10 ta' Settembru 1840, sedenti l-Imħallef Dr. Giuseppe Franc. Falzon, riportata fil-Volum tal-Kollezzjoni 1839-1840, p. 249, jingħad paġ. 250 illi fond kien qiegħed fedekommissarju (għalkemm mhux speċifikat il-fedekommess) għaliex kien qed jiġi ġudikat fuq fatt segwit "in epoca anteriore alla

promulgazione delle patrie leggi De Rohan ed in tempo che per provare o sostenere i fedecommessi erano bastevoli conchiudenti congetture, e specialment l'opinione ferma e costante in famiglia di quei gravami . . . . " Mill-Kodiċi De Rohan l-hawn, mantenut in vigore, kwantu għall-liġijiet speċjali tal-fedekommess, b'dak l-artikolu u bil-para. 4 tal-Iskeda annessa mal-Ordinanza tal-1936 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji ta' Malta, ma hux biżżejjed li fond jingħad li hu fedekommissarju, imma jeħtieġ li tkun espressa l-istituzzjoni tal-fedekommess — dak li ma sarx għar-rigward taż-żewġ fondi "Ħolbiet Manu" u "tal-Papa", non ostante d-dikjarazzjoni fol. 150, li tista' tkun erronea, u li ma tevitax li jkun komunkwe impossibbli l-aċċertament tal-kondizzjonijiet tal-fondazzjoni.

Kien għalhekk li fil-kawża "Sant vs. Sceberras Trigona" 30 ta' April 1863, Vol. II, p. 488, li fiha kienu saru xi ammissjonijiet simili, ġie ritenut li "le dette ammissioni dei detti convenuti non possono essere loro di pregiudizio . . . . ";

Il-konsegwenza, però, mhijiex li dawk iż-żewġ fondi jibqgħu komuni, kif issuġġerixxa l-perit; għaliex jekk jibqgħu komuni tiġi preġudikata l-pożizzjoni kollha, in kwantu li jkunu qegħdin jiġu ritenuti li huma fedekommissarji, u, impliċitament, li huma vokati għas-suċċessjoni fihom l-atturi, mentri kwistjoni simili għandha tibqa' mpreġudikata. Il-konsegwenza għandha tkun (kif sar fis-sentenza fuq ċitata) li tiġi eskluża d-domanda dwarhom; biss, peress li, jekk huma fedekommissarji, ma jkunx sewwa li tiġi żnaturata din l-indoli tagħhom, salvi l-liġijiet attwali, għalhekk għandha ssir, kif saret fil-kawża fuq ċitata tal-1863 paġ. 488, tieni kolonna, riżerva appożita;

Ma jimmilitawx, però, l-istess konsiderazzjonijiet għar-rigward tal-fond "Wilġa tal-Brigħen". Infatti, għar-rigward ta' dan il-fond jirriżulta li ppervjena lil Dottor Gioacchino Rutter, awtur ta' Margherita Rutter, in atti tan-Nutar A.G. Calleja tat-18 ta' Mejju 1842, li fih saret diviżjoni tal-beni fedekommissarji provenjenti mis-suċċessjoni Testaferrata Viani — fol. 39 tal-proċess "Rutter utrinque" deċiż P. A. 24 ta' Frar 1937, li għalieh saret rife-

renza fol. 24, 31 u 31 tergo. Fid-diviżjoni atti Parodi tas-7 ta' Mejju 1877 (li fiha kienet kondividenti Margherita Rutter) jissemma wkoll il-fedekommess Testaferrata Viani, u l-fedekommess b'dak l-isem eżistenti in familja hu dak ordnat minn Vincenzo u Maddalena Viani bit-testment tagħhom tat-3 ta' Lulju 1710 in atti Gio Andrea Madiona (ara fol. 56 u 138 proċ. riferit). Hemm ukoll li l-istess appellanti, li l-lum elevat din il-kontestazzjoni għar-rigward ta' din il-"Wilġa tal-Brigħen", kienet indikat dan il-fond appuntu bħala suġġett, "inter alia", għal dan il-fedekommess Viani (ara nota fol. 4 tal-proċess riferit); u din ma kienetx dikjarazzjoni vaga, imma speċifika, għax ġie ndikat il-fedekommess;

Għalhekk, għandhom jiġu èsklużi biss iż-żewġ fondi "ta' Ħolbiet Manu" u "tal-Papa";

Appurata, għalhekk, il-kwistjoni dwar liema fondi għandhom jitqiesu ta' oriġini fedekommissarja, b'mod li għandhom jiġu nklużi fid-diviżjoni issa mitluba, hu spedjenti li wieħed jgħaddi għat-tielet aggravju, dwar l-interpretazzjoni tal-vokazzjoni fil-fedekommessi rilevanti;

Fin-nota fol. 200 l-appellanti tikkontesta d-dritt tar-rappreżentazzjoni fil-fedekommess ta' Ugolino u Imperia Bonnici, fil-fedekommess ta' Cassandra Barbara, fil-fedekommess Maurizio Vella, u f'dawk Viani, Abela u Muxi, in bażi għall-kontestazzjoni tagħha ġenerali fis-sens li għandha titqies il-liġi viġenti fiż-żmien tal-fondazzjoni, ċjoè in-Novella 118, li ma kienetx tammetti r-rappreżentazzjoni fis-suċċessjoni fil-linja kollaterali ħlief għall-ulied immedjati tal-aħwa. Issa, din il-kontestazzjoni tagħha ġenerali ma ġietx aċċettata minn din il-Qorti, kif ġie espost "supra"; u għalhekk ma tistgħax lanqas tiġi akkolta l-interpretazzjoni li l-appellanti trid tagħti għall-mod tas-suċċessjoni f'dawk il-fedekommessi;

Il-fedekommess Ursola Delia Barbara ma ġiex interpretat diversament mill-appellanti, ħlief li, għar-rigward tiegħu, minħabba li hija sostniet li għandha tapplika l-liġi ta' żmien il-fondazzjoni, allura rriteniet li jkun hemm lok

mhux għad-dritt ta' rappreżentazzjoni, iżda għas-sostituzzjoni volgari anomala;

Għar-rigward tal-fedekommess Gio Batta Giappone, l-appellanti osservat li l-gradi kontemplati fih spiċċaw. Il-kwistjoni, għar-raġuni rilevata mill-perit legali fol. 63 u 64, ma għandiex importanza prattika f'din il-kawża;

Għar-rigward tal-fedekommess Giulio Barbara, l-appellanti rrilevat li l-preferenza ndikata mill-fondatur għall-prossimjuri, u mbgħad għall-maġġjornati, teskludi tant id-dritt tar-rappreżentazzjoni kemm is-sostituzzjoni volgari anomala. Mill-eżami tat-termini ta' din il-fondazzjoni, però, fol. 60 tal-proċess, ukoll riferit, "Le Fevre vs. Cafici", 1862, jidher ċar li l-prossimjorità ("masculus et non foemina") u l-maġġoretà (f'każ ta' parità ta' grad) kienet kontemplata mil-fidekommittent mhux għar-rigward tal-progress fl-istess linja, imma għar-rigward tal-ingress f'linja ġdida. Fil-każ preżenti, għad li Henry Rutter miet bla tfal, għad hemm dixxendenti tal-kapo-stipite tal-linja tal-istess Henry Rutter, u għalhekk ma kienx il-każ ta' ingress f'linja ġdida, għaliex ma kienx hemm nuqqas ta' "nepotibus et pronepotibus", kif jingħad fil-fondazzjoni, u d-dixxendenti minn kapo-stipite wieħed ma jġibx diversità ta' linja, imma diviżjoni tagħha f'dawk li jissejħu in materja "colonelli e stipiti subalterni" (P.A. Civile "Bonnici vs. Mamo" — Imħ. Dr. Antonio B. Debono, 2 Febbraio 1856, konfermata Appell 22 Febbraio 1858 (Pres. Sir Paolo Dingli, Imħ. Dr. Pasq. Gruppo u Dr. Ant. Micallef);

Tibqa' l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-fedekommess Eleonora Barbara. It-testment ta' Eleonora Azzopardi, nata Barbara, in atti tan-Nutar Francesco Vella tal-15 ta' Marzu 1727, jinsab fol. 222 tal-proċess "Rutter Phillips vs. Storace", P. A. 30 ta' Jannar 1940, li għalieh saret riferenza;

Il-partijiet rilevanti ta' dan it-testment jinsabu fol. 224 sal-fol. 228 tal-proċess riferit, fuq imsemmi, u l-estratti li għandhom jiġu kunsidrati għall-finijiet ta' din il-kawża huma dawk riportati fol. 76 ta' dan il-proċess. It-testatriċi, wara li għamlet l-istituzzjoni ta' eredi, stabbiliet il-vokazzjoni suċċessiva fil-linja diretta "ad infinitum

juxta regulum suċċessionis ab intestato"; il-linja vokata kienet dik "Dni. Jnis. Baptae", binha. Mbgħad, fil-każ ta' estinzjoni totali tal-linja "tiegħu", "ut nullus ex ejus discendentibus reperiatur in humanis", allura ikkjamat il-"proximiores et propinquiores in gradu consanguineitatis" "tagħha" stess. Susseġwentement irrakkomandat lill-eredi u lill-vokati "ut a criminibus, delictis, et vitiis quibuscumque se abstient", u jżommu ruħhom "innoxios et inculpabiles"; u f'każ ta' trasgressjoni "ipsaque bona intelligantur, et sint acquisita ed devoluta ad sequentes proximiores, juxta regulum successionis ab intestato, prout in fideicommissis et vinculis superius expressis . . . . ";

Mill-premess hu ċar li l-argument li trid tieħu l-appellanti mill-ipotesi fuq imsemmija (estinzjoni tal-linja ta' bin il-fondatriċi ma hux aċċettabbli; għaliex il-preferenza għall-"proximiores et propinquiores" hi hemm stabbilita mhux għall-każ ta' progress fl-istess linja, imma għall-każ ta' ingress f'linja oħra, ċjoè għal meta tkun estinta totalment il-linja ta' binha (il-gravat), b'mod li "nullus ex ejus descendentibus reperiatur in humanis"; u allura ġie mit-testatriċi ordnat il-passaġġ għal linja oħra — dik tagħha stess minflok dik ta' binha; u f'dan il-każ biss ippreferiet għall-finijiet tal-ingress il-prossimjuri. Għall-progress fil-linja ġdida ma qalet xejn f'dik il-parti partikulari, imma fl-aħħar ipotesi qalet "juxta regulam successionis ab intestato prout in fideicommissis et vinculis superius expressis"; liema kliem (li fihom jissemma mhux "fideicommisso", imma "fideicommissis") juru li t-testatriċi, fil-progress tal-linji, riedet li tapplika l-liġi tas-suċċessjoni "ab intestato";

Anki kieku ma kienx hemm dawn il-kliem, allura, ġa ladarba, għal dak li hu progress fil-linja ma jingħad xejn kuntrarju, jiġu segwiti r-regoli tas-suċċessjoni "ab intestato". Intqal minn din il-Qorti (Pres. Sir Antonio Micallef, Imħ. Dr. G. Bruno u Dr. A.M. Debono), in re "Bonnici vs. Dato", 20 ta' April 1860, Vol. Kollez. 1858-1860, paġ. 373:— "E' di regola anche nelle successioni fedecommissarie, ed in difetto di diversa disposizione, che la successione debba avere luogo secondo la regola delle eredità intestate" (p. 375). Issa, f'dan il-każ hemm aktar minn hekk; hemm il-kliem fuq stralċjati li, billi jsemmgħu l-fedekommessi fil-

plural, jikkomprendiż-żewġ ipotesijiet preċedenti. Il-linja ta' Henry Rutter ma spiċċatx, u għalhekk ma hux il-każ ta' evakwazzjoni ta' dik il-linja u ta' ingress f'linja ġdida; għaliex, għad li miet bla dixxendenti, infetħu linji subalterni jew "colonelli", kif ġie rilevat superjorment;

L-interpretazzjoni retta, għalhekk, ta' din il-fondazzjoni ma teskludix affattu d-dritt tar-rappreżentazzjoni fil-progress tal-istess linja. Ir-raffront ta' dispożizzjoni waħda mal-oħrajn hu mezz ta' nterpretazzjoni f'materja testamentarja (Kollez. X, p. 245; XV, 459);

Ikkunsidrat;

Minn dak li ngħad, għalhekk, din il-Qorti tirritjeni illi, għar-rigward tas-sostituzzjoni fedekommissarja fil-fondi li għandhom ikunu kompriżi fl-istanza, hemm id-dritt tar-rappreżentazzjoni skond il-liġi viġenti; u ġa ladarba hemm dan id-dritt, ma hemmx lok għall-konsiderazzjoni tat-tieni aggravju, għax, kif ingħad, is-sostituzzjoni volgari anomala tidħol biss fejn ma hemmx lok għall-"jus repraesentationis";

Ikkunsidrat;

Esklużi, għalhekk, mill-istanza ż-żewġ fondi "ta' Ħolbiet Manu" u "tal-Papa", il-Qorti tadotta l-ewwel pjan ta' diviżjoni propost mill-perit legali preċiżament fl-ipotesi ta' din l-esklużjoni, b'modifika żgħira għar-rigward tal-fond ta' San Anard, li fil-pjan tal-perit legali hu miġjub bħala tal-valur ta' £410, mentri jmissu jkun ta' £420, bl-aġġustamenti konsegwenzjali f'dak il-pjan. Id-differenza hi dovuta għaċ-ċirkustanza li l-perit indika l-valur li hemm fid-Dok. "A" anness maċ-ċitazzjoni, fol. 4, mentri skond l-istima fol. 141 il-valur hu £10 aktar. Din kienet l-istima li għaliha qagħdu l-partijiet in kwantu li l-atturi għamlu riferenza għaliha, u l-konvenuta appellanti ddikjarat li taċċettaha bil-verbal fol. 121. Din id-dippjù ta' £10, li jmur favur it-tliet porzjonijiet, iġib ukoll li t-tielet porzjoni għandha tħallas £3.6.8 aktar f'ekwiparazzjoni lil kull waħda miż-żewġ porzjonijiet l-oħra. Fil-pjan fuq imsemmi, id-dirett dominju "tar-Ramla" qiegħed jiġi suddiviż bejn it-tliet por-

zjonijiet; għaliex altrimenti jkun hemm żbilanċ fid-diviżjoni, billi l-valur ta' dirett dominju hu stabbilit in bażi għall-kapitalizzazzjoni, li hi statika, mentri l-istima aċċettata mill-partijiet hi tal-1936, u minn dik is-sena l-hawn kien hemm fluttwazzjoni rilevantissima fil-valuri immobiljari;

L-ewwel Porzjoni — Nofs l-għalqa "taċ-Ċampra" £350; terz tad-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" £77.15.6 u 2/3d.; għalqa "ta' Ferla" £175; ekwiparazzjoni mit-tielet porzjoni £20.3.2 u 1/3d. — £622.18.9;

It-Tieni Porzjoni — Nofs l-għalqa "taċ-Ċampra" £350; terz tad-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" £77.15.6 u 2/3d.; għalqa "tal-Wilġa" £135; għalqa "tal-Faċċol" £40; ekwiparazzjoni mit-tielet porzjoni £20.3.2 u 1/3d. — £622.18.9;

It-Tielet Porzjoni — Terz tad-dirett dominju perpetwu "tar-Ramla" £77.15.6 u 2/3d.; dar, remissa u ġardin San Anard £420; għalqa attigwa £80; għalqa "ta' Raimier" £54; biċċa għalqa warajha £10; ċedola Massa Frumentaria £21.9.7; għandha tħallas ekwiparazzjoni lill-ewwel u lit-tieni porzjoni (£20.3.2 u 1/3d. kull waħda) £40.6.4 u 2/3d. — £622.18.9;

Ikkunsidrat;

Illi appena hemm bżonn jingħad li s-soġġezzjoni għall-vinkolu fedekommissarju, imsemmija fil-kors ta' din is-sentenza u dik tal-prima istanza, ġiet kunsidrata għall-finijiet tal-vokazzjoni ossija sostituzzjoni fedekommissarja, u b'hekk jiġi stabbilit min huma l-possessuri. "Per tutt'altro". jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Att No. XII tal-1950. li abolixxa dak il-vinkolu;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi, b'riforma tas-sentenza appellata, teskludi lill-atturi appellati mid-domandi tagħhom kwantu għall-fondi "ta' Ħolbiet Manu" u "tal-Papa", bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra tagħhom; mingħajr preġudizzju, però, tad-dritt

tagħhom, "si et quatens", esperibbli f'ġudizzju separat, jekk tiġi pruvata s-soġġezzjoni ta' dawn il-fondi għal fedekommess jew fedekommessi speċifikatament indikati;

Tirriforma konsegwentement is-sentenza appellata fissens li d-diviżjoni minnha ordnata għandha ssir skond il-pjan ordnat "supra" f'din is-sentenza; "per tutt'altro" bil-modalitajiet l-oħra kollha li hemm provvduti fl-ewwel sentenza, li jiġu konfermati; b'dan li d-data tal-publikazzjoni tkun it-12 ta' Mejju 1961;

L-ispejjeż ta' din l-istanza (ħlief dawk diġa' fuq provvduti) jitħallsu mill-appellanti; dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif ġa provvduti;

U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell tal-konvenuta.